# Stqarrija

## BirdLife Malta tikkundanna l-ftuħ mill-ġdid tat-trasferimenti ta' għasafar ibbalzmati qabel l-elezzjoni ġenerali

BirdLife Malta tikkundanna bil-qawwa d-deċiżjoni tal-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) li terġa' tiftaħ applikazzjonijiet għat-trasferimenti ta' għasafar protetti ibbalzmati bejn kollezzjonijiet privati. Sostniet li din il-miżura qed treġġa' lura l-isforzi ta' konservazzjoni tal-għasafar b'aktar minn 20 sena.

Din id-deċiżjoni terġa' tqajjem sistema kontroversjali li kien introduċa is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes fl-2015, li kienet tippermetti lill-kaċċaturi jittrasferixxu bejniethom għasafar iddikjarati sal-aħħar amnestija li ngħatat fl-2003. Dak iż-żmien, proporzjon kbir tad-dikjarazzjonijiet tal-għasafar kienu għadhom ma ġewx ivverifikati mill-awtoritajiet tal-infurzar, u b'hekk ippermettew il-ħasil tal-kollezzjonijiet tal-għasafar biex jimlew il-"wish lists". Dan filwaqt li kaċċaturi li ma kellhomx kollezzjoni wara l-2003, setgħu jibdew jibnu waħda. B'hekk reġgħu ħolqu domanda għal speċi protetti li xprunat il-qtil ta' speċi protetti fil-gżejjer Maltin kif ukoll barra minn Malta f'postijiet bħall-Eġittu, is-Senegal u l-Arġentina.

Bejn l-2015 u l-2020, il-WBRU kienet irċeviet aktar minn 9,600 applikazzjoni li talbu t-trasferiment ta' aktar minn 70,000 għasfur f'kollezzjonijiet biex jinbidel is-sid tagħhom - sitwazzjoni li poġġiet pressjoni kbira fuq ir-riżorsi disponibbli għall-awtoritajiet bħall-WBRU u l-ERA biex jivverifikaw kull applikazzjoni u kull għasfur individwalment. Peress li ma setgħux ilaħħqu ma' din id-domanda kbira, l-opportunitajiet għat-trasferiment kienu ngħalqu, u b'hekk essenzjalment tnaqqset id-domanda għal speċi protetti.

B'kumbinazzjoni, f'Marzu 2022, ftit jiem qabel l-aħħar elezzjoni ġenerali, il-Gvern ċeda għall-pressjoni mil-lobby tat-taxidermija biex jippermetti t-trasferiment ta' kampjuni verifikati. Huwa mifhum li huma biss sa nofs id-9,600 applikazzjoni li waslu bejn l-2015 u l-2020, li ġew ipproċessati sal-lum, filwaqt li r-riżorsi fl-ERA u l-WBRU ma żdidux biex ilaħħqu mal-kompitu.

Matul dawn l-aħħar xhur, kienet evidenti l-pressjoni eżerċitata minn gruppi tal-kaċċa bħall-Malta Taxidermy Federation fi ħdan il-FKNK, b'talbiet kontinwi quddiem il-Kumitat Ornis biex tiġi permessa t-taxidermija ta' speċi protetti permezz ta' MoUs qarrieqa mal-WBRU. Diversi Membri Parlamentari wkoll appoġġjaw b'mod attiv l-organizzazzjoni ta' fiera tat-taxidermija f'Ħal Luqa organizzata proprju f'Marzu li għadda.

Għal darb'oħra, ftit jiem qabel elezzjoni ġenerali, qed terġa' tinfetaħ il-possibbiltà lill-kaċċaturi jittrasferixxu għasafar, l-istess bħalma ġie permess bejn l-2015 u l-2020, ma liema awtoritajiet tal-infurzar ma setgħux ilaħħqu,  u li kien reġa' qajjem il-kilba għall-qtil u l-kollezzjoni ta' speċi protetti ta' għasafar, u li wasslet għall-ħasil ta' għexieren ta' eluf ta' kampjuni ta' għasafar protetti bejn il-kaċċaturi. Trasferimenti bħal dawn imorru kontra l-obbligi internazzjonali relatati mal-kummerċ ta' speċi protetti bħas-CITES, li jiġu evitati meta l-kaċċaturi "jagħtu bħala donazzjoni" dawn il-kampjuni lil xulxin, irrispettivament mil-fatt li xi speċi għasafar għandhom valur li jlaħħaq eluf ta' ewro.

Din id-deċiżjoni favur kaċċaturi bil-ħsieb li jiġbru speċi protetti qed isseħħ wara li f'Marzu li għadda, in-nassaba ngħataw il-possibbiltà li jagħmlu eżami u japplikaw għal liċenzja tal-insib. Madwar 2,000 nassab ġdid huma mistennija jgħaddu minn dan l-eżami sempliċi, li jista' jwassal biex il-popolazzjoni tan-nassaba f'Malta tiżdied minn ftit inqas minn 4,000 għal madwar 6,000 individwu - minkejja li t-trattat tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea jesiġi li jieqaf il-ħruġ ta' liċenzji ġodda tal-insib. Din il-kundizzjoni inkisret darba biss fl-2014, meta dak iż-żmien kienu ġew permessi applikazzjonijiet ġodda.

BirdLife Malta qalet li huwa ta' tħassib li dawn il-konċessjonijiet qed jerġgħu jingħataw lejliet elezzjoni ġenerali, u b'hekk qed tkompli x-xejra bla mistħija li wieħed iċedi għall-lobby tal-kaċċa u l-insib. "Dawn id-deċiżjonijiet mhumiex immirati lejn kaċċaturi bona fide li jirrispettaw il-liġi. Dawn iservu lil dawk li għandhom l-intenzjoni jiżvijaw ir-regolamenti li jipproteġu speċi vulnerabbli u tal-passa," qalet BirdLife Malta.

"Huwa ċar li l-intenzjoni ta' Robert Abela għall-ħames snin li ġejjin mhix favur il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, iżda favur li tibqa' iċċedi għall-lobby tal-kaċċa, speċjalment fuq aspetti li jiksru l-obbligi internazzjonali ta' Malta fuq livell Ewropew u globali." Dawn il-miżuri flimkien qed jilleġittimizzaw il-persekuzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni kontinwa ta' għasafar protetti filwaqt li jdgħajfu l-obbligi ta' konservazzjoni u r-reputazzjoni internazzjonali ta' Malta.

“Fi żmien meta Malta għandha issaħħaħ l-infurzar u l-isforzi ta’ protezzjoni, il-Gvern minflok qed jerġa’ jiftaħ lakuni li jiffaċilitaw l-abbuż u jdgħajfu aktar is-salvagwardji għall-ispeċi protetti,” ikkonkludiet BirdLife Malta.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org


Biex issir membru ta’ BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**

1. Tajr ibbalzmat mormi fil-Mellieħa - Frar 2024
2. Tarj ibbalzmat mormi f’Birzebbuga - Jannar 2023

Ir-ritratti 1 u 2 juru għasafar ibbalzmati mormija li ġew irrappurtati lill-pulizija. Ir-rimi ta’ għasafar ibbalzmati qodma minn kollezzjonijiet tat-taxidermija huwa sintomu li jirriżulta mit-trasferiment tas-sidien ta’ kollezzjonijiet tat-taxidermija. Hekk kif kaċċaturi ġodda jixtru għasafar ibbalzmati minn kollezzjonijiet ta’ kaċċaturi oħra, tinħoloq opportunità ġdida biex jiġġeddu kollezzjonijiet tal-għasafar li mbagħad jiġu rreġistrati legalment. Dan il-proċess jiftaħ il-possibbiltà li speċi protetti maqtula reċentement jiġu rreġistrati legalment f’kollezzjonijiet ġodda.

3. Il-post tal-Wild Birds Regulation Unit tal-25 ta’ Mejju 2026 li fiha ħabbret li se terġa’ tibda taċċetta applikazzjonijiet għat-trasferiment tas-sjdien ta’ kollezzjonijiet tat-taxidermija, li se jkunu miftuħa għal xahar bejn Mejju u Ġunju ta’ din is-sena.
4. Post mill-Malta Taxidermy Federation tal-FKNK tal-25 ta’ Mejju 2026 li fih iddikjarat li għadha mhix sodisfatta bil-ftuħ mill-ġdid tat-trasferimenti tal-għasafar. Il-Federazzjoni kienet qed tipprova b’mod attiv iġġiegħel lill-Wild Birds Regulation Unit taċċetta t-taxidermija ta’ speċi protetti permezz tal-Kumitat Ornis u laqgħat diretti mal-politiċi.